**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 396/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Fabian Fleri u Lydon Zammit)**

**vs**

**Joseph Attard**

Illum, nhar it-12 ta' Dicembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Joseph Attard** ta' 45 sena, iben Victor u Loraine nee' Franklin, imwieled f1-14 t'Awwissu 1975 gewwa l-Pieta, detentur tal-Karta ta' I-Identita' 0457275M u minghajr indirizz fiss, akkuzat:

1. *Talli nhar it-12 t' Awwissu 2020, ghal habta ta' 10:00Hrs ta' filghodu minn gewwa r-residenza bin-numru 27 li tinsab fi Triq Ghelejjel, gewwa Gudja*

*ikkommetta serq ta' zewg mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Carmel Sammut, anzjan ta 70 sena u / jew ta' xi persuna/i ohra skond Artikoli 261(a) (b)(c)(e), 262 (1)(a) (b), 263(a) (b), 267, 269(g), 275, 2764, 277(b), 280(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;*

2. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmel Sammut kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom skondArtikoli 86, 87(1) (c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;*

3. *U aktar talli nhar it-12 t'Awwissu 2020, ghal habta ta' 08:30Hrs ta' filghodu minn gewwa r-residenza bin-numru 1, li tinsab fi Triq l-Awrekarja, gewwa Gudja, bil-hsieb li jwettaq delitt ta' serq aggravat bil-mezz, valur li jeccedi il-valur ta' l-elfejn tlett mija u disa' w ghorin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u lok li sar ghad-dannu ta' Ryan Farrugia u/jew ta' xi persuna/i ohra skond I-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263(b), 267, 269(g), 278(3,) 280(2); tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;* (sic.)

4. *Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-16 ta’ Awwissu 2020 ai termini ta’ l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar l-10 ta’ Jannar 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta’ liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

*1. Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(b), 263(a) (b), 267, 269(g), 275, 276A, 277(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;*

*2. Fl-artikoli 261(b)(e), 263(b), 269(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Kif ukoll fl-artikoli 15A, 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li matul is-seduta tas-6 ta’ Gunju 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

[1] Fol. 20 ta’ l-atti processwali
[2] Fol. 311 ta’ l-atti processwali
[3] Fol. 318 ta’ l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar is-7 ta' Dicembru 2022.[4]

Rat illi l-provi tad-difiza gew definittivament maghluqa nhar is-6 ta Frar 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna allegati incidenzi ta' serq bi sgass kif ukoll attentat ta' sgass sabiex isir serq minn zewg residenzi fil-Gudja nhar it-12 ta' Awwissu 2020 mill-imputat Joseph Attard ghad-dannu ta' Carmel Sammut u Ryan Farrugia rispettivament.

---

[4] Fol. 291 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 321 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2020 xehed l-**Ispettur Lydon Zammit**[6]. Spjega li fit-12 ta' Awwissu 2020 l-Pulizija kienet giet infurmata li kienu sehhew numru ta' serqiet minn residenzi fil-Gudja. Certu Ryan Farrugia, li joqghod 1, Triq l-Awrikarja, il-Gudja, kien irrapporta li dakinhar ghall-habta tat-08:35hrs kien mar persuna, cempel il qanpiena u staqsa jekk kienx joqghod Perit hemmhekk. Farrugia ma fetahx il-bieb kollu ghax ra li l-persuna kien bla maskra u wara li qallu li ma kienx joqghod Perit hemm, ghalaq il-bieb. Dan Farrugia imbaghad spezzjoni l-filmat CCTV minn kamera li ghandu installata u induna li ftit mumenti qabel ma cempel il-qanpiena, dan il-persuna kien qed jipprova jisgassa l-bieb tad-dar u tal-garaxx. Mis-CCTV u minn dak li kienet innotat il-mara ta' Farrugia, irrizulta ukoll li l-istess persuna, bi hwejjeg kemmxejn differenti, kien diga' qed ihuf fil-vicinanzi tal-parapett ta' dik ir-residenza aktar kmieni, u cioe` ghall-habta tas-06:40hrs.  Il-Pulizija giet ukoll informata minn certu Carmel Sammut li joqghod 27, Triq l-Ghelejjel, Il-Gudja, li dakinhar stess ghall-habta tal-10:00hrs, kien sab persuna ma wiccu fir-residenza tieghu. Sammut qal lill-malvivent li ma kellu xejn ta' valur izda l-malvivent l-ewwel hareg tornavit mill-barzakka li kellu u prova jaggredixxi lill-Sammut bih u meta Sammut tajjarulu minn idu, hareg lieva tal-hadid. Madankollu, wara ftit, il-malvivent telaq jigri 'l barra. Sammut stqarr li kienu nsterqu zewg mobile phones. Jidher li l-access kien inkiseb permezz ta' sgass tal-bieb principali. Mill-

[6] Fol. 24-28 tal-atti processwali

filmati u mid-deskrizzjoni moghtija minn Sammut, il-Pulizija identifikat lill-aggressur bhala l-imputat Joseph Attard, li huwa maghruf sew mal-Pulizija. L-imputat imbaghad gie arrestat minn residenza f'Hal Ghaxaq fl-14 ta' Awwissu 2020 u minhabba li talab assistenza medika, ittiehed fl-Isptar Mater Dei. Eventwalment il-licenzja lilu nnifsu u rega' gie arrestat. Ittiehdet stqarrija tieghu wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Antonio Depasquale, fejn ezercita d-dritt tas-silenzju. Kemm Farrugia kif ukoll Sammut gew mitluba jidentifikaw lill-imputat permezz ta' ritratti u "e-fit" u b'hekk l-identifikazzjoni ta' Attard giet konfermata.

Fl-istess seduta xehed **PS 249 Michael Vella**[7]. Spjega li in konessjoni mal-incidenza de quo, huwa kien analizza l-filmat CCTV mir-residenza 1, Triq l-Awrekarja, Il-Gudja. Minn dan il-filmat deher li fit-12 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tas-06:40hrs, persuna liebes t-shirt ahdar, qalziet iswed, nuccali iswed u slipper iswed bil-qiegh abjad ghaddej mill-vicinanza. Aktar tard, fid-08:40hrs, deher persuna simili, izda b'xi tibdil fil-hwejjeg li kien liebes qed jipprova jiftah il-bieb tar-residenza u imbaghad deher jitkellem ma persuna li fetah minn gewwa. Ix-xhud imbaghad kien involut fl-arrest tal-imputat mill-Isptar Mater Dei fil-15 ta' Awwissu 2020.

Fl-istess seduta xehed **Ryan Farrugia**[8], li spjega li joqghod fir-residenza 1, Triq l-Awrekarja, Il-Gudja u fit-12 ta' Awwissu 2020 ghall-habta ta' 08:40hrs habbatlu persuna mal-bieb tal-garaxx u ftit mumenti wara daqqet il-qanpiena tal-bieb ta' barra. Bexxaq il-bieb u ra persuna liebes kollox iswed bil-kmiem twal li staqsa jekk hemm kienx joqghod Perit. Ix-xhud wiegbu li le u kien pront ghalaq il-bieb ghax il-persuna qanqallu certu suspetti bil-mod kif kien liebes f'Awwissu. Ghalhekk mar jara l-filmati mis-CCTV u nduna li dan l-istess ragel

[7] Fol. 43-45 tal-atti processwali
[8] Fol. 46-51 tal-atti processwali

kien prova jiftah kemm il-bieb tal-garaxx kif ukoll tad-dar. Imbaghad qaltlu l-mara tieghu li aktar kmieni dakinhar kienet rat ragel kemmxejn suspettuz ihuf vicin id-dar. Minn naha tieghu, ix-xhud ghadda l-filmati lill-Pulizija. Gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien habbatlu d-dar.

Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020 xehed **PS 1227 Malcolm Pace**[9]. Spjega li fiz-zmien relevanti kien stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun u fit-12 ta' Awwissu 2020 kien ircieva rapport minn Carmel Sammut u Ryan Farrugia dwar l-incidenzi de quo. Spjega li z-zewg kwerelanti inzertaw fl-Ghassa fl-istess hin u Carmel Sammut identifika lill-istess aggressur mill-filmati provduti minn Ryan Farrugia. Minn dan gie stabbilit li l-aggressur kien fil-fatt l-istess persuna. Carmel Sammut ipprezenta tornavit u nuccali li kien halli warajh l-aggressur fid-dar tieghu. Dawn l-effetti gew ezebiti mix-xhud.

Fl-istess seduta xehed **PC 1184 Garrison Bonnici**[10], stazzjonat fl-Ghassa tal-Imsida, li kkonferma li kien ukoll involut fit-tehid tar-rapport minn Ryan Farrugia fl-Ghassa taz-Zejtun.

Fl-istess seduta xehed **PS 1255 Christian Azzopardi**[11], stazzjonat fl-Ghassa tal-Imsida, li kkonferma li kien ukoll involut fit-tehid tar-rapport minn Ryan Farrugia fl-Ghassa taz-Zejtun. Spjega li kien involut fl-analizi tal-filmati CCTV u anke` fl-arrest tal-imputat mid-dar t'ommu f'Hal Ghaxaq nhar it-12 ta' Awwissu 2020 stess. Dakinhar ma kienx id-dar izda mal-familjari u ma sabx oggezzjoni li ssir tfittxija fid-dar. Imbaghad sar attentat iehor fl-14 ta' Awwissu 2020 fejn wara li prova jahrab billi jaqbez il-bjut, l-imputat gie arrestat. Gew elevati oggetti li jinkludu pocket iswed, beritta sewda, face mask, mus, biro u

[9] Fol. 56-63 tal-atti processwali
[10] Fol. 113-115 tal-atti processwali
[11] Fol. 113-115 tal-atti processwali

nuccali iswed simili ghal wiehed li deher f'filmat CCTV minnhom. Gie elevat ukoll mobile phone.

Fl-istess seduta xehed **Carmel Sammut**[12]. Spjega li huwa joqghod fid-dar 27, Triq l-Ghelejjel, il-Gudja u li fit-12 ta' Awwissu ta' qabel ghall-habta tal-10:05hrs kien dahallu ragel fid-dar. Huwa nizel mis-sular ta' fuq u lemah ragel liebes kollox iswed, liebes maskra, nuccali iswed u b-barzakka u tornavit f'idu. Ix-xhud "iddefenda ruhu" u rnexxielu jtajjarlu t-tornavit minn idu u n-n-nuccali minn ma wiccu. Ix-xhud kien qal lill-aggressur li hemm joqghodu zewg anzjani u li ma ghandhom xejn ta' valur izda l-aggressur baqa' hemm u eventwalment hareg ukoll lieva mill-barzakka u beda jigri wara x-xhud li minn naha tieghu qabad flixkun ghall-aggressur. Ix-xhud beda jghajjat lill-martu biex iccempel lill-Pulizija u ma dan l-aggressur infixel u hareg 'il barra. Ix-xhud spjega li probabbilment l-aggressur, li huwa gharaf bhala l-imputat Joseph Attard, dahal mill-bieb principali ghax kellu marki ta' lievar. Wara induna ukoll li l-imputat kien seraq zewg mobile phones u c-chargers taghhom mid-dar li kellhom valur komplessiv ta' madwar €300. Ikkonferma li kien assista lill-Pulizija fl-identifikzzjoni tal-imputat permezz ta' identikit. Ix-xhud imbaghad ghadda t-tornavit u n-nuccali lill-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun. Ikkonferma li kien assista lill-Pulizija fl-identifikzzjoni tal-imputat permezz ta' identikit.

Fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2020 xehed **PC 1491 Kurt Attard** mit-Taqsima Forensika[13] li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Huwa ghamel ezamijiet forensici fuq l-ezebiti mghoddija liu mill-Ispettur Roderick Attard mill-Ghassa taz-Zejtun konsisteni nuccali u tornavit. Ikkonferma li saru ezamijiet forensici

[12] Fol. 74-84 tal-atti processwali
[13] Fol. 121-125 tal-atti processwali

ukoll fuq il-bieb tar-residenza 27, Triq l-Ghelejjel, Il-Gudja, izda dan irrizulta fin-negattiv.

Fl-istess seduta xehdet **WPC18 Maria Bezzina** li ezebiet Dok MB1.[14] Illi minn dan ir-rapport hargu tnax il-ritratt tal-fond in kwistjoni u dan wara li l-pulizija eccedew gewwa l-fond imsemmi. Illi minn dawn ir-ritratti jidher b'mod car l-isgass li sar.

Fl-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2021 xehed bil-gurament l-Ispettur **Stephen Gulia**.[15] Illi minn din ix-xhieda irrizulta li l-pulizija attendew fl-indirizz 9, Triq San Pawl, Hal-Ghaxaq. Meta attendew fuq il-post kien hemm suspett li l-imputat kien ghadu gor-residenza stess u kien hemm thassib li seta jahrab tramite il-bjut. Fil-fatt meta irrizulta li kien hemm persuna qed tipprova tahrab u taqbez bjut ta residenzi ohra. Meta l-pulizija spezzjonaw sit ta' kostruzzjoni fil-vicinanzi irrizulta li kien hemm l-imputat jistahba. Waqt l-arrest tieghu instabu affarijiet relatati mad-droga u meta inqabad prova idahhalhom kollha f'halqu. Ix-xhud gharaf l-imputat fl-awla bhala l-persuna koncernat.

Fl-istess seduta xehed **PS 1337 Kevin Curmi**[16]. Spjega li fit-12 ta' Awwissu 2020 kien irrikorra fir-residenza 27, Triq l-Ghelejjel, Il-Gudja u tkellem ma Carmel Sammut, id-derubat. Id-derubat qallu li l-imputat kien ikonfrontah u talbu ghal dak kollu li seta itih. Meta qalu li ma kellu xejn ta' valur hariglu turnavit ghalih. Id-derubat reagixxa u irnexxilu itajjar il-maskra li kellu l-imputat u b'hekk seta jara wiccu. Id-derubat spjega wkoll kif l-imputat hareg lieva minn gewwa basket li kellu u meta ra hekk id-derubat beda jigri warajh biex

[14] Fol. 103-117 tal-atti processwali
[15] Folio 119 – 131 ta' l-atti proceesswali
[16] Fol. 126-132 tal-atti processwali

iwaqqfu. L-imputat beda jahrab l'hemm u hu u jaghmel hekk ikaguna hsara fuq il-post.

Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2021 xehed l-**Ispettur Roderick Attard**[17], li spjega li fit-12 ta' Awwissu 2020 kien l-Ispettur responsabbli mill-hames distrett li kien jinkludi fih il-Gudja. Gie nfurmat minn PS 1227 dwar ir-rapporti maghmula minn Carmel Sammut u Ryan Farrugia. Minn naha tieghu ix-xhud avza lis-Supretendent Fabian Fleri mit-Taqsima tar-Reati Magguri sabiex l-investigazzjonijiet jitkomplew minn naha taghhom. Involviment ulterjuri ma kellux.

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2021 xehed **PC 1087 Roderick Degiorgio**[18], stazzjonat fir-Taqsima tar-Reati Magguri. Ikkonferma li ghamel xoghol ta' evalwazzjoni tal-filmati CCTV mghoddija minn Ryan Farrugia u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 xehdet **PC 2279 Fredienne Azzopardi**[19], stazzjonata fl-Ghassa taz-Zejtun. Ikkonfermat li kienet hi li hadet ir-rapport ta' Carmel Sammut fl-Ghassa taz-Zejtun nhar it-12 ta' Awwissu 2020. Ma kellhiex involvement ulterjuri.

Fl-istess seduta xehed **PS 1402 Keith Rizzo**[20], tazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri, li spjega li fl-14 ta' Awwissu 2020, flimkien mal-Ispetturi Lydon Zammit u dak iz-zmien Surgent Stephen Gulia, kien involut fl-operazzjoni tal-arrest tal-imputat Joseph Attard mir-residenza tieghu fi Triq San Pawl, Hal Ghaxaq. Jghid li ra lill-imputat jipprova jibla' xi pakketti izda gie mwaqqaf, moghti d-drittijiet tieghu u arrestat. Ingiebet ukoll assistenza medika minhabba

[17] Fol. 137-139 tal-atti processwali
[18] Fol. 149-151 tal-atti processwali
[19] Fol. 171-172 tal-atti processwali
[20] Fol. 175-176 tal-atti processwali

li kien mahsub li kien lahaq bela' xi pakketti. Waqt din l-operazzjoni instabu ukoll zewg nuccalijiet suwed, beritta sewda kif ukoll oggetti relatati mat-tehid tad-droga.

Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[21], espert mahtur mill-Qorti sabiex janalizza filmati CCTV, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fl-istess seduta xehdet **Dr Marisa Cassar**[22], espert mahtura mill-Qorti sabiex taghmel analizi ghal-DNA fuq ezebiti mghoddija lilha. Hija halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha. Regghet xehdet fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2022[23] fejn spjegat li kienet inghatat estensjoni tal-inkarigu, sabiex taghmel analizi komparattiva bejn il-profil genetiku li hareg mill-ezebit u l-profil genetiku tal-imputat Joseph Attard. Hija halfet u pprezentat din it-tieni relazzjoni li fiha kkonkludiet li ghalkemm il-profil genetiku misjub kien imhallat, kien jinkludi fih dak tal-imputat.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2022 xehed **is-Supretendent Fabian Fleri**, stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri[24]. Bhall-kollegi tieghu mit-Taqsima tar-Reati Magguri ikkonferma li saret investigazzjoni fuq ir-rapporti maghmula fit-12 ta' Awwissu 2020 minn Ryan Farrugia u Carmel Sammut dwar serq u attentat ta' sgass minn zewg residenzi fil-Gudja. Isemmi ukoll rapport dwar attentat ta' sgass li sar minn certu Kyran Chadran li joqghod fi Triq Victor Pasmore, Il-Gudja, izda dwar dar ma hemmx imputazzjonijiet x'jigu kkonsidrati. Ix-xhud jispjega li gie identifikat l-imputat Joseph Attard, maghruf bhala "Knejjes" bhala l-persuna wara dawn l-incidenzi u fl-14 ta' Awwissu 2020 gie arrestat

[21] Fol. 178-179 tal-atti processwali
[22] Fol. 238-239 tal-atti processwali
[23] Fol. 292-293 tal-atti processwali
[24] Fol. 3250-254 tal-atti processwali

f'Hal Ghaxaq. Ix-xhud ipprezenta sentenza moghtija fil-konfront tal-istess imputat.

Fl-istess seduta xehed **Dr Franklin Calleja**[25] registratur tal-Qrati Kriminali, li spjega li ma kienux saru appelli minn  hames sentenzi li kienu moghtija kontra l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati fil-passat.

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2024[26].

Il-prosekuzzjoni spjegat li l-imputat gie identifikat fejn iz-zewg residenzi, u cioe' dik fi Triq l-Ghelejjel u l-ohra fi Triq l-Awrekarja, it-tnejn il-Gudja, mill-qalziet u slipper li kien kiebes kif ukoll mill-basket li qed igorr mieghu. Fi Triq l-Awrekarja deher fil-filmati CCTV jipprova jisgassa l-bieb tal-garaxx u jagixxi stramb. Gie ukoll identifikat miz-zewg parte civile Carmel Sammut u Ryan Farrugia. Tghid li fiz-zewg incidenzi hemm l-elementi tal-attentat, dan ghaliex l-imputat kellu l-intenzjoni li jisraq, ghamel atti in ezekuzzjoni tal-intenzjoni tieghu izda imbaghad gie frustrat minn cirkostanzi lil-hinn mill-intenzjoni tieghu. Telenka li l-aggravanti moghtija huma dawk tal-vjolenza, mezz, lok u valur. Dan minhabba li l-imputat ittenta jaggredixxi lill-Carmel Sammut b'tornavit u lieva tal-hadid, kien hemm l-isgass u l-fondi koncernati kienu residenzi. L-aggravant tal-valur gie stabbilit mill-fatt li l-mobile phones li kien ser jiehu l-imputat kellhom valur ta' madwar €30. Fil-kaz ta' Ryan Farrugia, is-serqa giet frustrata fi stadju aktar bikri ghax kif sab lill-Farrugia hemm wara li cempel il-qanpiena, telaq 'l hemm. Taccenna li anke' l-addebitu tar-recediva gie ppruvat u ghalhekk, bhala piena dik idonea hija ta' prigunerija effettiva.

[25] Fol. 260-261 tal-atti processwali
[26] Fol. 326-341 tal-atti processwali

Id-difiza sahqet li hemm kunflitt fil-mod kif gew mharuga l-imputazzjonijiet u sussegwentament, l-Artikoli mill-Avukat Generali. Senjatament, fl-artikoli ma hemmx citat l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla l-attentati meta fil-fatt, fir-rigward tal-incidenza fi Triq l-Awrejarja, huwa ben car li qatt ma jista' jirrizulta s-serq imma biss, in pessima ipotezi ghall-imputat, attentat. Ghalhekk, fuq l-atti kif inhuma, htija ma tistax tirrizulta. Fuq din l-imputazzjoni tghid ukoll li fil-mertu, huwa difficli li tinstab htija minhabba li l-mara ta' Ryan Farrugia ma ttellghetx tixhed mill-prosekuzzjoni u parti sostanzjali tal-fatti li fuqhom il-prosekuzzjoni qed tghid li kien hemm attentat, gew osservati minnha u minnha biss. Tishaq ukoll, li mill-fatt, kien tkun aktar korretta l-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jitkellem fuq id-desistenza volontarja u ghalhekk, jigi akkuzat biss tal-atti li lahaq ghamel. Fuq l-incidenza fi Triq l-Ghelejjel, id-difiza tghid li l-identifikazzjoni tal-imputat minn Carmel Sammut hija wahda possibilment fallaci u li ma tistax toqghod fuqha. Fir-rigward tal-addebitu tar-rercediva, tghid li ma hemmx certazza li s-sentenza ezebita in atti ma kienx hemm appell minnha ghax ma gietx referuta lir-Registratur tal-Qrati Kriminali meta dan ittella' jixhed.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjonijiet**

Illi permezz ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, l-imputat gie mixli illi "fit-12 t' Awwissu 2020, ghal habta ta' 10:00Hrs ta' filghodu minn gewwa r-residenza bin-numru 27 li tinsab fi Triq Ghelejjel, gewwa Gudja ikkommetta serq ta' zewg mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Carmel Sammut, anzjan ta 70 sena u li fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li

jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmel Sammut kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom.

Illi skont Carrara, "*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro*". Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

- il-*contractatio* jew tehid tal-haga,
- li tappartjeni lil terzi,
- maghmula b'mod frawdolenti,
- minghajr l-kunsens tad-sid, u
- *animo lucrandi*.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contractatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai,

ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza ***Il-Pulizija v S.Pisani***[27] il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura. Carrara jghid : "*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso*."

Illi f'dan il-kaz, l-elementi tar-reat ta' serq kollha jirrizultaw u l-imputat gie identifikat kemm mill-parte civile Carmel Sammut in awla. Inoltre, mill-analizi komparattiva bejn il-profil genetiku li hareg mill-ezebiti elevati mill-*locus delicti* u l-profil genetiku tal-imputat Joseph Attard, gie stabbilit li ghalkemm il-profil genetiku misjub kien imhallat, kien jinkludi fih dak tal-imputat. Apparti dawn, hemm ukoll il-filmati CCTV ezebiti li jkoplu jseddqu c-certezza fl-identifikazzjoni tal-imputat u n-ness tieghu mal-lok tar-reati addebitati kontrih permezz tal-proceduri odjerni.

Ghalhekk l-akkuza ta' serq tinsab sufficjentament ipprovata.

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat ir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u lok. Ma hemmx dubbju illi l-aggravju ta' vjolenza jirrizulta ippruvat u dana a tenur ta'l-artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9. Inoltre l-imputat kiseb access ghal fond billi sgassa il-bieb ta' barra u ghalhekk l-aggravju tal-mezz jirrizulta ukoll ippruvat. F'dina

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942

is-serqa insterqu oggetti ossija mobile phones ta' valur komplessiv ta' €300 minn dar ta' abitazzjoni.

Illi ghalkemm hemm imputazzjoni ta' sekwestru ta' persuna, fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jonqos li jiccita l-Artikoli relattivi u ghalhekk, a bazi tar-ragunijiet moghtija infra., il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni bhala *stand alone offence*. Il-Qorti ser tqis jekk kienx hemm sekwestru tal-persuna biss bhala fattur aggravanti ghas-serq ai termini tal-Artikolu 275 tal-Kodici Kriminali li u kuntrarju, gie fil-fatt citat mill-Avukat Generali.

Dwar is-sekwestru ta' persuna, issir referenza ukoll ghal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Christopher Zammit*** (deciza fl-1 ta' Dicembru 2022), fejn inghad li *"biex jissussisti r-reat ta' sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti".*

Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali ta- reat in diżamina:

> *"It will be observed in the first place that the law does not, in contemplating the simple form of this crime, specify the purpose which may have actuated the offender in committing the illegal arrest, detention or imprisonment. The fact in itself is so odious that it calls for a punishment corresponding to the importance of the right violated, that is, the liberty of the subject. Whatever may have been the motive of the offender, such as the enforcement of a claimed right or taking revenge, or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest, detention or confinement is proved, the offence subsists."*

*The words "arrest detention and "confinement are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty:*

*"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro" (ROBERTI ibid, para 323)*

*Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*

**Maino** fil-ktieb tiegħu *Commento al Codice Penale* jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall artikolu 86 tagħna billi jgħid: *"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo o di soccorso"*

**Antolisei** fil ktieb tiegħu *Manuale di Diritto Penale* jgħid: *"Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Illi l-parte civile Carmel Sammut jixhed li huwa nizel mis-sular ta' fuq tar-residenza tieghu u lemah ragel liebes kollox iswed, liebes maskra, nuccali iswed u b-barzakka u tornavit f'idu. Il-parte civile "iddefenda ruhu" u rnexxielu jtajjarlu t-tornavit minn id il-malvivent u n-n-nuccali minn ma wiccu u ammonixxih li "hemm joqghodu zewg anzjani u li ma ghandhom xejn" izda l-aggressur baqa' hemm u eventwalment hareg ukoll lieva mill-barzakka u beda jigri wara x-xhud. Dan iwassal ghal konkluzjoni li waqt li kien fir-residenza ta' Carmel Sammut, anzjan ta' 70 sena biex jisraq, l-imputat ghamel atti esterni

sabiex jasserixxi kontroll fuqu u jzommu sottomess kontra l-volonta' tieghu. Ghalhekk tabilhaqq is-serq jinsab aggravat bis-sekwestru tal-persuna.

Relevanti jigi sottolineat li gialadarba l-aggravant ai termini tal-Artikolu 275 gie ppruvat, l-imputat huwa passabbli ghal piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa erba' snin, liema piena ghandha ukoll tigi awmentata bi bi grad jew żewġ gradi tenut kont li l-vjolenza kienet diretta kontra Carmel Sammut, anzjan ta' 70 sena ai termini tal-Artikolu 276A tal-Kodici Kriminali. Ghandu jkun hemm zieda ulterjuri ta' grad jew tnejn minhabba li s-serq kien aggravat bil-mezz ai termini tal-Artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.

**Dwar it-Tielet (3) Imputazzjoni**

Illi permezz ta' din permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat gie mixli li *"nhar it-12 t'Awwissu 2020, ghal habta ta' 08:30Hrs ta' filghodu minn gewwa r-residenza bin-numru 1, li tinsab fi Triq l-Awrekarja, gewwa Gudja, bil-hsieb li jwettaq delitt ta' serq aggravat bil-mezz, valur li jeccedi il- valur ta' l-elfejn tlett mija u disa' w ghorin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u lok li sar ghad-dannu ta' Ryan Farrugia u/jew ta' xi persuna/i ohra"* (sic.)

Illi mill-fatti tal-kawza u t-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni, jidher car li hawn kienet ser issir referenza ghar-reat ta' attentat ta' serq aggravat izda ghal xi raguni jew ohra, id-dicitura tal-imputazzjoni hija inkompleta u kif postulata, ftit li xejn taghmel sens. Inoltre, wara li l-Qorti rat bir-reqqa in-nota ta' rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali, johrog li hemm ukoll, gie ommess l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Intqal li:

Dan ghaliex l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma jkunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. Dan iktar u iktar meta l-Ufficjal Prosekutur mal-prezentata bl-arrest tal-appellant jaqra u jikkonferma bil-gurament l-akkuza fit-termini tal-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali.

> **"Ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jara li jekk ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti". (*Il-Pulizija vs Emanuele Azzopardi* – App.Inf. 15/10/2019 )**

Issa gjaldarba l-Prosekuzzjoni naqqset milli taghmel dan, il-binarji tal-azzjoni penali baqghet wahda fejn ir-reat allegatament sehh gewwa l-Isla, meta il-provi jindikaw illi dan sehh gewwa l-Kalkara. Illi allura l-aggravju imqanqal mill-appellant marbut mat-tielet imputazzjoni jisthoqqlu akkolijment

Illi tabilhaqq, f'dan il-kaz, l-imputazzjoni baqghet ma gietx korretta u multo magis, l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikolu tal-ligi korrett li jikkombacja mal-fatti relattivi.

Inoltre, Il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Joseph Grima*, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni flismijiet *Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et* moghtija fid-19 ta'April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Verament li Qorti tista' ssib li kien hemm attentat minkejja li r-reat addebitat ikun ir-reat ikkunsmat izda hawn, id-dicitura parzjali tal-imputazzjoni kjarament kienet ser tirrefri ghal attentat u mhux ghar-reat ikkunsmat.

Ghalhekk, fuq iz-zewg binarji definiti, il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hekk kif postulata.

**Dwar l-Addebitu tar-Recediva**

Illi l-prosekuzzjoni titlob dikjarazzjoni li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikun hemm zieda ta' grad jew tnejn fil-piena.

Giet ezebita vera kopja ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament preseduta) fit-8 ta' Frar 2018 fejn l-imputat Joseph Attard instab hati ta' reati ta' serq u kundannat piena ta' sentejn prigunerija. Ir-Registratur tal-Qrati Kriminali xehed li minnha ma kienx hemm appell.

Ghalhekk, l-addebitu tar-recediva jinsab ukoll debitament ipprovat sknt il-ligi.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[28] li hija wahda ta' portata biblika u tindika fl-imputat karattru mill-aktar refrattarju u tinkwadrah bhala bniedem li rema' kull opportunita` ta' riforma li inghatat lilu fuq medda twila ta' zmien. Tindika ukoll li l-imputat huwa ta' perikolu ghas-socjeta` ghax kif ikollu bzonn il-flus, idur ghas-serq jew azzjonijiet qarrieqa a detriment ta' terzi persuni innocenti.

- Illi jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga.

- Illi l-imputat huwa recidiv skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.

- Il-Qorti qiset ukoll il-vittmi innocenti involuti li rridu igorru l-konsegwenza ta' l-agir taghhom. L-imputat wettaq ir-reati tieghu bl-aktar mod kapriccjuz minghajr ebda hsieb dwar il-konsegwenza ta' ghemilu fuq cittadni normali ghaddejin fil-hajja taghha ta' kuljum gewwa r-residenza taghhom u fil-hajja privata taghhom. Illi ma jistax ikun li l-imputat jahseb li jista jghix din it-tip ta' hajja fejn johloq dawn it-trawmi serji fuq nies private. L-imputat ukoll, minkejja kemm il-darba inghata sapport u opportunitajiet jidher bic-car li mhux sejjer jirriforma ruhu.

- Illi r-reat ta' serq huwa meqjus aggravat u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali u mizjuda bi grad jew tnejn skont l-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata

[28] Fol. 10-26 tal-atti processwali

għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu l-massimu.

- Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat huwa ta' periklu ghas-socjeta u l-piena ghandha tkun wahda karcerarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 17, 31, 49, 50, 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(b), 263(a) (b), 267, 269(g), 275, 276A, 277(b), 278(2), 280(2), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Joseph Attard **hati** tal-ewwel (1) imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-recediva filwaqt li qed issib lill-Joseph Attard **mhux hati** tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u tilliberah fir-rigward tagghom, u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva li minnhom ghandu jigu mnqassa dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-**konfiska** tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Carmel Sammut ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Joseph Attard **ihallas lir-Registratur tal-Qorti** l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' elf, mija, tlieta u hamsin Euri u sitta u tmenin centezmi (€1,153.86) rapprezentanti spejjez ta' l-espert mahtur Dr. Stephen Farrugia Sacco (€587.46)[29] u Dr. Marisa Cassar (€566.40) rispettivament.[30]

**Komunika:** Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Dicembru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[29] Folio 188 ta' l-atti processwali
[30] Folio 242 ta' l-atti processwali

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**